SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

30 ta' Mejju 2017*

"Appell — Rikors għad-danni — Politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) — Miżuri restrittivi meħuda kontra r-Repubblika Iżlamika tal-Iran — Lista tal-persuni u tal-entitajiet li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi — Dannu materjali — Dannu immaterjali — Żball ta' evalwazzjoni tal-ammont tal-kumpens — Assenza — Appell inċidentali — Kundizzjonijiet neċessarji għall-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea — Obbligu li tiġi stabbilita l-fondatezza tal-miżuri restrittivi — Ksur suffiċjentement serju"

Fil-Kawża C-45/15 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fl-4 ta' Frar 2015

Safa Nicu Sepahan Co., stabbilita fi Ispahan (l-Iran), irrappreżentata minn A. Bahrami, avukat,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-proċedura li hija:

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn R. Liudvinaviciute-Cordeiro kif ukoll minn M. Bishop u I. Gurov, bħala aġenti,

konvenut fl-ewwel istanza,

sostnut minn:

Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, irrappreżentat minn M. Gray, bħala aġent,

intervenjenti fl-appell,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, A. Tizzano, Viċi President, M. Ilešič, L. Bay Larsen u T. von Danwitz, Presidenti tal-Awla, A. Rosas (Relatur), J. Malenovský, E. Levits, J.-C. Bonichot, A. Arabadjiev, C. G. Fernlund, C. Vajda, S. Rodin, F. Biltgen u K. Jürimäe, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,

Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-2 ta' Mejju 2016,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-8 ta' Settembru 2016,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, Safa Nicu Sepahan Co. titlob l-annullament parzjali tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, tal-25 ta' Novembru 2014, Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill (T-384/11, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2014:986), li permezz tagħha din il-qorti ċaħdet parzjalment ir-rikors tagħha intiż, b'mod partikolari, għall-għoti ta' kumpens għad-danni materjali u immaterjali allegatament imġarrba mill-inklużjoni tagħha fil-lista tal-entitajiet, li l-fondi u riżorsi ekonomiċi tagħhom ġew iffriżati, taħt il-punt 19 tal-Parti I, B, tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 503/2011, tat-23 ta' Mejju 2011, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 961/2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2011, L 136, p. 26), sussegwentement taħt il-punt 61 tal-Parti I, B, tal-Anness IX tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, tat-23 ta' Marzu 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU 2012, L 88, p. 1) (iktar 'il quddiem id-"dispożizzjonijiet kontenzjużi").

2 Permezz tal-appell inċidentali tiegħu, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jitlob l-annullament parzjali tas-sentenza appellata sa fejn l-Unjoni Ewropea ġiet ikkundannata tħallas lil Safa Nicu Sepahan kumpens għad-dannu immaterjali mġarrab minnha, minħabba l-miżuri restrittivi previsti mid-dispożizzjonijiet kontenzjużi.

Il-fatti li wasslu għall-kawża

3 Il-fatti li wasslu għall-kawża ġew indikati fil-punti 1 sa 13 tas-sentenza appellata, kif ġej:

"1 Din il-kawża taqa' fil-kuntest tal-miżuri restrittivi li ġew introdotti sabiex issir pressjoni fuq ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran sabiex din ittemm l-attivitajiet nukleari b'riskju ta' proliferazzjoni u l-iżvilupp ta' sistemi li jwasslu l-armi nukleari (iktar 'il quddiem, il-'proliferazzjoni nukleari').

2. Ir-rikorrenti, Safa Nicu Sepahan […], hija kumpannija pubblika ta' responsabbiltà limitata [Iranjana].

3 L-isem ta' identità identifikata bħala 'Safa Nicu' ġie inkluż fil-lista tal-entitajiet involuti fil-proliferazzjoni nukleari li tinsab fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK, tas-26 ta' Lulju 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU [2010,] L 195, p. 39), permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/299/PESK, tat-23 ta' Mejju 2011, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK (ĠU [2011,] L 136, p. 65).

4 Konsegwentement, l-isem tal-entità identifikata bħala 'Safa Nicu' ġiet inkluża fil-lista li tinsab fl-Anness VIII tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 961/2010, tal-25 ta' Ottubru 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2007 (ĠU [2010,] L 281, p. 1), permezz tar-[Regolament ta' implementazzjoni Nru 503/2011].

5 Fil-motivazzjoni tat-Deċiżjoni 2011/299 u tar-Regolament ta' implementazzjoni Nru 503/2011, l-entità identifikata bħala 'Safa Nicu' ġiet deskritta bħala '[d]itta tal-Komunikazzjoni li pprovdiet tagħmir għall-faċilità ta' […] Fordow [Qom, l-Iran,] li nbniet mingħajr ma ġiet iddikjarata lill-[Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (ONU) (IAEA)]'.

6 Wara li ġiet mgħarrfa minn waħda mill-imsieħba kummerċjali tagħha, ir-rikorrenti talbet lill-[Kunsill], permezz ta' ittra tas-7 ta' Ġunju 2011, jemenda l-Anness VIII tar-Regolament Nru 961/2010 jew billi jikkompleta u jikkoreġi l-inklużjoni tal-entità identifikata bħala 'Safa Nicu' fuq il-lista kkonċernata, jew billi jikkanċellaha. Hija sostniet, f'dan ir-rigward, li, jew l-imsemmija inklużjoni kienet tikkonċerna entità differenti minnha, jew inkella l-Kunsill kien wettaq żball meta inkluda isimha fil-lista li tinsab fl-Anness VIII tar-Regolament Nru 961/2010.

7 Peress li ma rċevietx risposta għall-ittra tagħha tas-7 ta' Ġunju 2011, ir-rikorrenti kkuntattjat lill-Kunsill permezz tat-telefon, u wara bagħtitlu ittra ġdida fit-23 ta' Ġunju 2011.

8 L-inklużjoni tal-entità identifikata bħala 'Safa Nicu' fil-lista tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413 u f'dik tal-Anness VIII tar-Regolament 961/2010 nżammet fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/783/PESK, tal-1 ta' Diċembru 2011, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK (ĠU [2011,] L 319, p. 71), u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1245/2011, tal-1 ta' Diċembru 2011, li jimplimenta r-Regolament Nru 961/2010 (ĠU [2011,] L 319, p. 11).

9 Fid-Deċiżjoni 2011/783 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1245/2011, il-kliem 'Safa Nicu' ġie mibdul b'"Safa Nicu, magħrufa wkoll bħala 'Safa Nicu Sepahan', 'Safanco Company', 'Safa Nicu Afghanistan Company', 'Safa Al-Noor Company' u 'Safa Nicu Ltd Company"'. Barra minn hekk, ġew inklużi ħames indirizzi fl-Iran, fl-Emirati Għarab Magħquda u fl-Afganistan bħala informazzjoni ta' identifikazzjoni li tikkonċerna l-entità inkwistjoni.

10 Permezz ta' ittra tal-5 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill informa lir-rikorrenti dwar iż-żamma ta' ismu fil-listi tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413 u tal-Anness VIII tar-Regolament Nru 961/2010. Huwa kkonstata li l-osservazzjonijiet ippreżentati mir-rikorrenti fis-7 ta' Ġunju 2011 ma kinux jiġġustifikaw it-tneħħija tal-miżuri restrittivi. Huwa ppreċiża li l-iskrizzjoni tal-entità identifikata bħala 'Safa Nicu' kienet tirreferi għar-rikorrenti, minkejja li isimha kien miktub b'mod inkomplet. Huwa informa lir-rikorrenti wkoll bl-emendi invokati fil-punt 9 iktar 'il fuq.

11 Peress li r-Regolament Nru 961/2010 kien tħassar bir- [Regolament Nru 267/2012], isem ir-rikorrenti ġie inkluż mill-Kunsill fl-Anness IX ta' dan l-aħħar regolament. Il-motivazzjoni li tikkonċerna lir-rikorrenti hija identika għal dik li tinsab fir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1245/2011.

12 Permezz ta' ittra tal-11 ta' Diċembru 2012, il-Kunsill informa lir-rikorrenti biż-żamma ta' isimha fuq il-listi tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413 u tal-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012 u kkomunikalha, f'anness, dan l-aħħar regolament.

13 Permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/222/PESK, tas-16 ta' April 2014, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK (ĠU [2014,] L 119, p. 65), isem ir-rikorrenti tneħħa mil-lista fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413. Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 397/2014, tas-16 ta' April 2014, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 (ĠU [2014,] L 119, p. 1), isimha tneħħa, konsegwentement, mil-lista fl-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012."

Is-sentenza appellata

4 Permezz tar-rikors tat-22 ta' Lulju 2011, Safa Nicu Sepahan ippreżentat, quddiem il-Qorti Ġenerali, rikors għal annullament u għad-danni.

5 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tat-talba għall-annullament tad-dispożizzjonijiet kontenzjużi, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-qorti tal-Unjoni għandha tiżgura li l-miżuri restrittivi ta' portata individwali jkunu bbażati fuq bażi fattwali suffiċjentement solida. F'dan ir-rigward, b'riferiment għall-punti 64 sa 66

tas-sentenza tat-28 ta' Novembru 2013, Il-Kunsill vs Fulmen u Mahmoudian (C-280/12 P, EU:C:2013:775), il-Qorti Ġenerali enfasizzat li hija l-awtorità kompetenti tal-Unjoni li għandha tistabbilixxi l-fondatezza tal-motivi użati kontra l-persuna kkonċernata, u mhux din tal-aħħar li għandha tipproduċi l-prova negattiva tal-assenza ta' fondatezza tal-imsemmija motivi. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali talbet lill-Kunsill tipproduċi elementi li jiġġustifikaw l-adozzjoni u ż-żamma tal-miżuri restrittivi kontra Safa Nicu Sepahan.

6 Peress li l-Kunsill indika li l-uniku element għad-dispożizzjoni tiegħu fir-rigward tal-adozzjoni u ż-żamma ta' dawn il-miżuri restrittivi, kien proposta ta' inklużjoni ġejja minn Stat Membru u li l-informazzjoni li kienet tinsab f'din il-proposta kienet ġiet riprodotta fil-motivazzjoni tad-dispożizzjonijiet kontenzjużi, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 38 tas-sentenza appellata, li l-Kunsill ma pprovax il-fondatezza tal-allegazzjoni li Safa Nicu Sepahan hija kumpannija ta' komunikazzjoni li pprovdiet materjal għas-sit ta' Fordow (Qom). Peress li din l-allegazzjoni kienet l-uniku motiv għall-adozzjoni u ż-żamma ta' miżuri restrittivi kontra Safa Nicu Sepahan, il-Qorti Ġenerali annullat id-dispożizzjonijiet kontenzjużi.

7 Fir-rigward, fit-tieni lok, tat-talba għal kumpens imressqa minn Safa Nicu Sepahan, fil-punt 47 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali fakkret il-ġurisprudenza li tipprovdi li l-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni hija suġġetta għall-eżistenza ta' numru ta' kundizzjonijiet, jiġifieri l-illegalità tal-aġir attribwit lill-istituzzjonijiet, ir-realtà tad-dannu u l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-allegat aġir u d-dannu invokat.

8 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kundizzjoni tal-illegalità tal-aġir attribwit lill-istituzzjonijiet, fil-punt 50 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-ġurisprudenza teżiġi li jiġi stabbilit ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li għandha bħala għan li tagħti drittijiet lill-individwi u, fil-punt 52 ta' din is-sentenza, li l-kriterju deċiżiv sabiex jiġi kkonstatat tali ksur huwa dak tan-nuqqas manifest u gravi, mill-istituzzjoni kkonċernata, li tosserva l-limiti imposti fuq is-setgħa diskrezzjonali tagħha. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punti 57 u 58 tas-sentenza appellata, li d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti Nri 961/2010 u 267/2012 jistabbilixxu, b'mod limitat, il-kundizzjonijiet li taħthom miżuri restrittivi huma permessi u li dawn id-dispożizzjonijiet, sa fejn dawn jiżguraw għalhekk il-protezzjoni tal-interessi individwali tal-individwi kkonċernati, għandhom jitqiesu bħala dispożizzjonijiet legali li għandhom l-għan li jagħtu drittijiet lill-individwi. Mill-konstatazzjoni tal-illegalità tad-dispożizzjonijiet kontenzjużi, bħal dik magħmula mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata, jirriżulta li, bl-adozzjoni tal-imsemmija dispożizzjonijiet, il-Kunsill kiser dawn ir-regolamenti.

9 Waqt l-eżami sussegwenti tagħha tan-natura suffiċjentement serja ta' dan il-ksur, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punti 59 sa 61 tas-sentenza appellata, li, fir-rigward tal-obbligu li tiġi stabbilita l-fondatezza tal-miżuri restrittivi adottati, il-Kunsill ma kellu l-ebda marġni ta' diskrezzjoni, peress li dan l-obbligu huwa ddettat mill-osservanza tad-drittijiet fundamentali tal-persuni u tal-entitajiet ikkonċernati. Ġie kkonstatat ukoll, fil-punt 62 ta' din is-sentenza, li r-regola li timponi dan l-obbligu lill-Kunsill ma kinitx toħloq diffikultajiet ta' applikazzjoni jew ta' interpretazzjoni.

10 Peress li esponiet, barra minn hekk, fil-punti 63 sa 67 tas-sentenza appellata, li d-dispożizzjoni inkwistjoni kienet stabbilita minn ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali li hija preċedenti għall-adozzjoni tal-ewwel waħda mid-dispożizzjonijiet kontenzjużi, li seħħet fit-23 ta' Mejju 2011, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punti 68 u 69 ta' din is-sentenza, li amministrazzjoni normalment prudenti u diliġenti, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, kienet tkun f'pożizzjoni li tifhem, fil-mument tal-adozzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni, li hija kellha tiġbor l-informazzjoni jew il-provi li jiġġustifikaw il-miżuri restrittivi li jaffettwaw lir-rikorrenti sabiex tiġi stabbilita, f'każ ta' kontestazzjoni, il-fondatezza ta' dawn il-miżuri għall-produzzjoni tal-imsemmija informazzjoni jew tal-imsemmija provi quddiem il-qorti tal-Unjoni. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali kkonstatat ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li għandha l-għan li tikkonferixxi drittijiet lill-individwi.

11 Fit-tieni u fit-tielot lok, il-Qorti Ġenerali rrilevat li hija Safa Nicu Sepahan li għandha tipproduċi provi sabiex jiġu stabbiliti l-eżistenza u l-portata ta' dannu reali u ċert, kif ukoll il-fatt li tali dannu għandu jirriżulta b'mod suffiċjentement dirett mill-aġir ikkritikat.

12 Fir-rigward tat-talba għal kumpens għad-dannu immaterjali mressqa minn Safa Nicu Sepahan, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 85 tas-sentenza appellata, li l-adozzjoni u ż-żamma illegali tal-miżuri restrittivi li jaffettwaw lil Safa Nicu Sepahan ikkawżawlha dannu immaterjali li jagħti lok għal dritt għal kumpens.

13 Fir-rigward tal-ammont li għandu jingħata bħala kumpens għad-dannu immaterjali, b'riferiment għall-punt 72 tas-sentenza tat-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-239/12 P, EU:C:2013:331), fil-punti 86 u 87 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet li l-annullament tal-inklużjoni ta' Safa Nicu Sepahan fil-lista tal-entitajiet affettwati mill-miżuri restrittivi inkwistjoni kien suxxettibbli li jimmodera l-ammont tal-kumpens mogħti, iżda mhux li jikkostitwixxi kumpens sħiħ għad-dannu mġarrab. Peress li esponiet, fil-punti 88 u 91 tas-sentenza appellata, li kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-gravità tal-ksur ikkonstatat, it-tul tiegħu, l-aġir tal-Kunsill, kif ukoll l-effetti tal-allegazzjoni tal-involviment ta' Safa Nicu Sepahan fil-proliferazzjoni nukleari Iranjana fir-rigward ta' terzi, il-Qorti Ġenerali stabbilixxiet l-ammont ta' dan il-kumpens *ex aequo et bono* għal EUR 50 000.

14 Il-Qorti Ġenerali, min-naħa l-oħra, ċaħdet it-talba ta' Safa Nicu Sepahan għall-kumpens għad-dannu materjali allegatament imġarrab.

It-talbiet tal-partijiet

It-talbiet tal-appell

15 Permezz tal-appell tagħha, Safa Nicu Sepahan titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla parzjalment is-sentenza appellata sa fejn din tiċħad it-talba għal kumpens għad-dannu materjali mġarrab;

— tannulla parzjalment is-sentenza appellata sa fejn din tillimita l-ammont tal-kumpens għad-dannu immaterjali għas-somma ta' EUR 50 000;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ħlas tas-somma ta' EUR 5662737.40 flimkien mal-interessi, bħala kumpens għad-dannu materjali mġarrab minħabba l-inklużjoni ta' isimha fil-lista tal-persuni ssanzjonati;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ħlas tas-somma ta' EUR 2 000 000 flimkien mal-interessi, bħala kumpens għad-dannu immaterjali mġarrab minħabba l-inklużjoni ta' isimha fil-lista tal-persuni ssanzjonati;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż sostnuti minnha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali, flimkien mal-interessi;

— sussidjarjament, tikkundanna lill-Kunsill għall-ħlas tal-ammonti ddeterminati *ex aequo et bono*, flimkien mal-interessi, bħala kumpens għad-dannu materjali, minn naħa, u għad-dannu immaterjali, min-naħa l-oħra, sakemm l-ammont tal-kumpens ta' din l-aħħar talba għad-dannu ma jkunx inqas mill-ammont li diġà ngħatatilha għal dan permezz tas-sentenza appellata, kif ukoll tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż li hija sostniet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali, flimkien mal-interessi, u

— iktar sussidjarjament, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din il-qorti teżamina mill-ġdid l-ammont tad-danni u tagħti sentenza ġdida favur l-appellanti.

16 Fir-risposta tiegħu, il-Kunsill jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad l-appell bħala infondat;

— tipproċedi għal sostituzzjoni tal-motivi tas-sentenza appellata fir-rigward tal-kunċett ta' "ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali", konformement mal-kunsiderazzjonijiet esposti fir-risposta tiegħu, u

— tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż tal-appell u tal-proċedura tal-ewwel istanza.

It-talbiet tal-appell inċidentali

17 Permezz tal-appell inċidentali tiegħu, il-Kunsill jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata sa fejn din tikkundanna l-ħlas lill-appellanti ta' EUR 50 000 bħala kumpens għad-dannu immaterjali mġarrab minn din tal-aħħar.

— tiċħad it-talba għal kumpens għad-dannu immaterjali mressqa mill-appellanti, u

— tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż ta' dan l-appell inċidentali u tal-proċeduri tal-ewwel istanza.

18 Fir-risposta tagħha għall-appell inċidentali, Safa Nicu Sepahan titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiddikjara l-appell inċidentali infondat. Barra minn hekk, hija ttenn it-talbiet tal-appell tagħha, minbarra dik, imressqa sussidjarjament, intiża li l-kawża tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din il-qorti teżamina mill-ġdid l-ammont tad-danni u tagħti sentenza ġdida favur tagħha.

19 Permezz tad-deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Awwissu 2015, Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ġie awtorizzat jintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Kunsill.

Osservazzjonijiet preliminari

20 Skont l-Artikolu 174 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-talbiet tar-risposta għandhom ikunu intiżi sabiex jintlaqa' jew jiġi miċħud, totalment jew parzjalment, l-appell. Barra minn hekk, skont l-Artikoli 172 u 176 ta' dawn ir-regoli, il-partijiet awtorizzati jippreżentaw risposta jistgħu jippreżentaw, permezz ta' att separat, distint mir-risposta, quddiem il-Qorti Ġenerali, appell inċidentali li, skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 178(1) u (3) tal-imsemmija regoli għandha tkun intiża għall-annullament, totali jew parzjali, tas-sentenza appellata abbażi ta' aggravji u argumenti tad-dritt distinti minn dawk invokati fir-risposta. Minn dawn id-dispożizzjonijiet, moqrija flimkien, jirriżulta li r-risposta ma tistax tkun intiża għall-annullament tas-sentenza appellata għal aggravji distinti u awtonomi minn dawk invokati fl-appell, peress li tali aggravji jistgħu jitressqu biss fil-kuntest ta' appell inċidentali (sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, DTS Distribuidora de Televisión Digital vs Il-Kummissjoni, C-449/14 P, EU:C:2016:848, punti 99 sa 101)

21 Sa fejn il-Kunsill jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja, permezz tar-risposta tiegħu għall-appell ta' Safa Nicu Sepahan, tipproċedi għal sostituzzjoni tal-motivi tas-sentenza appellata dwar waħda mill-kundizzjonijiet kumulattivi għall-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, jiġifieri dik dwar l-eżistenza ta' "ksur suffiċjentement serju" ta' regola tad-dritt li għandha l-għan li tikkonferixxi drittijiet lill-individwi, din it-talba ma hijiex intiża sabiex jintlaqa' jew jiġi miċħud

l-imsemmi appell, iżda hija intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, li tinsab fil-punt 2 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata, li tikkundanna lill-Kunsill għall-ħlas lil Safa Nicu Sepahan ta' kumpens ta' EUR 50 000 bħala dannu immaterjali mġarrab minn din tal-aħħar, peress li din id-deċiżjoni hija bbażata fuq il-konstatazzjoni ta' tali ksur. Għaldaqstant, peress li r-rekwiziti tal-Artikolu 174 tar-Regoli tal-Proċedura ma humiex issodisfatti, din it-talba hija inammissibbli.

22 Bl-istess mod, sa fejn Safa Nicu Sepahan titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja, permezz tar-risposta għall-appell inċidentali tal-Kunsill, tannulla parzjalment is-sentenza appellata u tagħtiha kumpens ġust kemm għad-dannu materjali kif ukoll għal dak immaterjali mġarrab, dawn it-talbiet ma humiex limitati għall-aggravji invokati f'dan l-appell inċidentali, kuntrarjament għar-rekwiżiti tal-Artikolu 179 tar-Regoli tal-Proċedura, u huma, konsegwentement, inammissibbli.

23 Peress li jirrigwarda l-ewwel waħda mit-tliet kundizzjonijiet għall-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, jiġifieri dik relatata mal-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li għandha l-għan li tikkonferixxi drittijiet lill-individwi, hemm lok li l-appell inċidentali tal-Kunsill jiġi eżaminat fl-ewwel lok.

Fuq l-appell inċidentali tal-Kunsill

24 L-appell inċidentali huwa bbażat fuq żewġ aggravji

Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq evalwazzjoni żbaljata tal-kundizzjonijiet għall-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni

L-argumenti tal-partijiet

25 Skont il-Kunsill, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset, fil-punti 68 u 69 tas-sentenza appellata, li l-illegalità inkwistjoni kienet tikkostitwixxi "ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali".

26 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet fil-punti 59 sa 61 tas-sentenza appellata, li l-Kunsill ma kellu l-ebda marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward tad-deċiżjoni tiegħu li jinkludi lil Safa Nicu Sepahan fil-lista tal-persuni affettwati mill-miżuri restrittivi inkwistjoni. Il-Qorti Ġenerali wasslet għal din il-konklużjoni billi bbażat ruħha b'mod żbaljat fuq il-ġurisprudenza stabbilita fis-sentenzi tat-28 ta' Novembru 2013, Il-Kunsill vs Fulmen u Mahmoudian (C-280/12 P, EU:C:2013:775), u tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi (C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518), sabiex tiddetermina l-portata tal-obbligu impost fuq il-Kunsill li, fil-każ ta' kontestazzjoni, jistabbilixxi l-fondatezza tal-motivi meqjusa kontra l-persuna affettwata mill-miżuri restrittivi, filwaqt li din id-dispożizzjoni ġurisprudenzjali ma kinitx stabbilita b'mod ċar fil-mument meta dan tal-aħħar adotta d-dispożizzjonijiet kontenzjużi.

27 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qieset b'mod żbaljat, fil-punt 62 tas-sentenza appellata, li d-dispożizzjoni li timponi li l-Kunsill jistabbilixxi l-fondatezza tal-miżuri restrittivi inkwistjoni ma taqax taħt sitwazzjoni partikolarment kumplessa u ma toħloqx diffikultajiet fl-applikazzjoni jew fl-interpretazzjoni. Il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha, f'dan ir-rigward, b'mod mhux preċiż fuq il-ġurisprudenza tagħha stess, iċċitata fil-punti 64 sa 67 tas-sentenza appellata. Minbarra dan, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni d-diffikultajiet marbuta mal-komunikazzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali li fuqha tkun ibbażata d-deċiżjoni ta' inklużjoni ta' persuna jew entità f'lista dwar miżuri restrittivi.

28 Safa Nicu Sepahan tikkontesta dawn l-argumenti.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

29 Għandu jitfakkar li, fost il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE hemm ir-rekwiżit ta' ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li għandha bħala għan li tikkonferixxi drittijiet lill-individwi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' April 2012, Artegodan vs Il-Kummissjoni, C-221/10 P, EU:C:2012:216, punt 80 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 Il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni li tippreċiża li tali ksur jiġi stabbilit meta dan jimplika nuqqas manifest u gravi mill-istituzzjoni kkonċernata tal-limiti imposti fuq is-setgħa diskrezzjonali tagħha, fejn l-elementi li jridu jittieħdu inkunsiderazzjoni f'dan ir-rigward huma, b'mod partikolari, il-livell ta' ċarezza u ta' preċiżjoni tad-dispożizzjoni li tinkiser kif ukoll il-livell tal-marġni ta' diskrezzjoni li d-dispożizzjoni li tinkiser tħalli lill-awtorità tal-Unjoni (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du pêcheur u Factortame, C-46/93 u C-48/93, EU:C:1996:79, punti 55 u 56; tal-25 ta' Jannar 2007, Robins *et*, C-278/05, EU:C:2007:56, punt 70, kif ukoll tad-19 ta' Ġunju 2014, Specht *et*, C-501/12 sa C-506/12, C-540/12 u C-541/12, EU:C:2014:2005, punt 102).

31 Mill-ġurisprudenza jirriżulta wkoll li ksur tad-dritt tal-Unjoni huwa, fi kwalunkwe każ, manifestament serju meta jibqa' jeżisti minkejja li tkun ingħatat sentenza li tikkonstata n-nuqqas ikkritikat, sentenza preliminari jew ġurisprudenza stabbilita sew tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam, li minnhom jirriżulta li l-aġir inkwistjoni jikkostitwixxi ksur (sentenzi tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du pêcheur u Factortame, C-46/93 u C-48/93, EU:C:1996:79, punt 57, kif ukoll tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in the FII Group Litigation, C-446/04, EU:C:2006:774, punt 214).

32 Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, għandu jiġi vverifikat jekk il-Qorti Ġenerali wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet, b'mod partikolari fil-punti 68 u 69 tas-sentenza appellata, li nuqqas ta' osservanza, mill-Kunsill, tal-obbligu li tiġbor l-informazzjoni jew il-provi li jiġġustifikaw il-miżuri restrittivi li jaffettwaw lil Safa Nicu Sepahan, sabiex tiġi stabbilita, fil-każ ta' kontestazzjoni, il-fondatezza ta' dawn il-miżuri bil-produzzjoni tal-imsemmija informazzjoni jew tal-imsemmija provi quddiem il-qorti tal-Unjoni, kien jikkostitwixxix, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li għandha l-għan li tikkonferixxi drittijiet lill-individwi.

33 Kif jirriżulta mill-punt 37 tas-sentenza appellata, huwa stabbilit li l-Kunsill kien indika quddiem il-Qorti Ġenerali li l-uniku element għad-dispożizzjoni tiegħu dwar l-adozzjoni u ż-żamma tal-miżuri restrittivi li jaffettwaw lil Safa Nicu Sepahan kien proposta ta' inklużjoni li ġejja minn Stat Membru u li l-informazzjoni li tinsab f'din il-proposta kienet ġiet riprodotta fil-motivazzjoni tad-dispożizzjonijiet kontenzjużi. Għalhekk, jirriżulta mill-imsemmi punt 37 tas-sentenza appellata li l-Kunsill ma kellu l-ebda informazzjoni jew provi li jissostanzjaw il-motivi tal-adozzjoni ta' miżuri restrittivi fil-konfront ta' Safa Nicu Sepahan.

34 Madankollu, skont il-Kunsill, il-ġurisprudenza li tistabbilixxi li huwa għandu l-obbligu jipproduċi, fil-każ ta' kontestazzjoni, informazzjoni jew provi li jissostanzjaw il-motivi tal-adozzjoni tal-miżuri restrittivi fil-konfront ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi ma kinitx stabbilita b'mod ċar fil-mument tal-adozzjoni tal-ewwel waħda mid-dispożizzjonijiet kontenzjużi. Għalhekk, minkejja n-nuqqas ta' osservanza ta' dan l-obbligu, ma jistax jiġi attribwit lilu ksur serju tad-dritt tal-Unjoni f'dan ir-rigward qabel l-għoti tas-sentenzi tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi (C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518), kif ukoll tat-28 ta' Novembru 2013, Il-Kunsill vs Fulmen u Mahmoudian (C-280/12 P, EU:C:2013:775), li permezz tagħhom il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat din il-ġurisprudenza.

35 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, kif diġà enfasizzat il-Qorti tal-Ġustizzja f'ġurisprudenza li hija preċedenti għall-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet kontenzjużi, li l-Unjoni hija Unjoni tad-dritt li fiha l-istituzzjonijiet tagħha huma suġġetti għall-istħarriġ tal-konformità tal-atti tagħhom, b'mod

partikolari, mat-Trattat FUE u mal-prinċipji ġenerali tad-dritt (sentenza tad-29 ta' Ġunju 2010, E u F, C-550/09, EU:C:2010:382, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata) u li fiha l-persuni fiżiċi u ġuridiċi għandhom jibbenefikaw minn protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

36 Fir-rigward tal-osservanza tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, fil-punt 343 tas-sentenza tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461), li miżuri restrittivi adottati fil-konfront ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi ma jaħarbux minn kull stħarriġ tal-qorti tal-Unjoni, b'mod partikolari, meta huwa affermat li l-att li jistabbilixxihom jitratta s-sigurtà nazzjonali u t-terroriżmu.

37 Kif jirriżulta minn din il-ġurisprudenza, id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva jeżiġi li l-Kunsill jipprovdi, fil-każ ta' kontestazzjoni, informazzjoni u provi li jissostanzjaw il-motivi tal-adozzjoni ta' miżuri restrittivi fil-konfront ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi. Mill-punt 336 tas-sentenza tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461), jirriżulta li l-istħarriġ ġudizzjarju ta' miżuri restrittivi meħudha fil-konfront ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi għandu jkun jista' jirrigwarda, b'mod partikolari, il-legalità tal-motivi li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni li timponi fuq persuna jew entità numru ta' miżuri restrittivi.

38 Bl-istess mod, fil-punt 57 tas-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2010, E u F (C-550/09, EU:C:2010:382), il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li stħarriġ ġudizzjarju adegwat tal-legalità fuq il-mertu tal-miżuri restrittivi individwali għandu jkun intiż, b'mod partikolari, għall-verifika tal-fatti kif ukoll tal-provi u tal-informazzjoni invokati għall-adozzjoni ta' tali miżuri.

39 Barra minn hekk, għalkemm fil-kawżi li wasslu għall-imsemmija sentenzi kienu inkwistjoni miżuri ta' ffriżar tal-assi adottati fil-kuntest speċifiku tal-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali, huwa manifest li l-obbligu li tiġi stabbilita l-fondatezza tal-miżuri restrittivi li jaffettwaw persuni u entitajiet individwali, li jirriżulta minn din il-ġurisprudenza, japplika wkoll fir-rigward tal-adozzjoni ta' miżuri restrittivi ta' ffriżar tal-assi li għandhom l-għan li jagħmlu pressjoni fuq ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran, bħalma huma dawk li jaffettwaw lil Safa Nicu Sepahan, b'teħid inkunsiderazzjoni b'mod partikolari tan-natura individwali tal-imsemmija miżuri restrittivi u tal-effett sinjifikattiv li dawn jista' jkollhom fuq id-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni u tal-entitajiet imsemmija (ara, fir-rigward dan tal-aħħar, is-sentenza tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461, punti 361 u 375).

40 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li, fid-data tal-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet kontenzjużi, l-obbligu tal-Kunsill li jipproduċi, fil-każ ta' kontestazzjoni, l-informazzjoni jew il-provi li jissostanzjaw il-motivi tal-adozzjoni tal-miżuri restrittivi fil-konfront ta' persuna fiżika jew ġuridika kien diġà jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita sew tal-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali qieset b'mod korrett, b'mod partikolari fil-punti 68 u 69 tas-sentenza appellata, li l-ksur, għal kważi tliet snin, ta' dan l-obbligu kien jikkostitwixxi ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li għandha l-għan li tikkonferixxi drittijiet lill-individwi, u dan indipendentement minn jekk id-drittijiet inkwistjoni f'dan il-każ jikkostitwixxux, skont il-punt 58 ta' din is-sentenza, li ma jiġux imposti fuqha miżuri restrittivi bi ksur tal-kundizzjonijiet fuq il-mertu relatati mal-impożizzjoni ta' tali miżuri jew jissodisfawx, skont il-punt 60 tal-imsemmija sentenza, ir-rekwiżiti marbuta ma' protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

41 Il-konklużjoni preċedenti ma hijiex invalidata bl-argument tal-Kunsill ibbażat fuq diffikultajiet marbuta man-natura kunfidenzjali ta' informazzjoni jew ta' provi li jsostnu l-motivi ta' deċiżjoni għall-impożizzjoni ta' miżuri restrittivi fuq persuna fiżika jew ġuridika. Fil-fatt, f'dan il-każ, fl-ebda ħin tul il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, il-Kunsill ma għamel riferiment għal informazzjoni jew provi kunfidenzjali fil-pussess tiegħu insostenn tal-miżuri restrittivi adottati kontra Safa Nicu Sepahan.

42 Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appell inċidentali għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tieni aggravju, ibbażat fuq evalwazzjoni żbaljata tal-kundizzjonijiet għall-kumpens għad-dannu immaterjali allegat minn Safa Nicu Sepahan

L-argumenti tal-partijiet

43 Il-Kunsill isostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset, fil-punti 86 sa 92 tas-sentenza appellata, li l-annullament tad-dispożizzjonijiet kontenzjużi ma kienx jikkostitwixxi, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, kumpens sħiħ tad-dannu mġarrab.

44 B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali ddevjat mis-soluzzjonijiet adottati f'kawżi oħra u, b'mod partikolari, fil-punt 241 tas-sentenza tal-11 ta' Lulju 2007, Sison vs Il-Kunsill (T-47/03, mhux ippubblikata, EU:T:2007:207), li fiha l-Qorti Ġenerali qieset li l-annullament tad-deċiżjoni ta' inklużjoni fil-lista tal-persuni affettwati mill-miżuri restrittivi inkwistjoni kien kumpens adegwat. Barra minn hekk, fil-punt 72 tas-sentenza tat-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-239/12 P, EU:C:2013:331), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li l-annullament tad-deċiżjoni ta' inklużjoni kien ta' natura li jirriabilita l-persuna kkonċernata jew jikkostitwixxi forma ta' kumpens għad-dannu immaterjali li hija ġarrbet.

45 Konsegwentement, id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali li tikkundanna lill-Kunsill għall-ħlas lill-appellanti tas-somma ta' EUR 50 000 bħala kumpens għad-dannu tagħha għandha tiġi annullata.

46 Safa Nicu Sepahan tikkontesta dawn l-argumenti.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

47 Għandu jiġi rrilevat li, fir-raġunament tagħha, il-Qorti Ġenerali korrettament ibbażat ruħha, fil-punt 86 tas-sentenza appellata, fuq is-sentenza tat-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-239/12 P, EU:C:2013:331), sabiex tiddeċiedi li l-annullament tad-dispożizzjonijiet kontenzjużi huwa ta' natura li jikkostitwixxi forma ta' kumpens għad-dannu immaterjali mġarrab minn Safa Nicu Sepahan.

48 Jekk, sussegwentement, il-Qorti Ġenerali madankollu sostniet, b'mod partikolari fil-punt 87 tas-sentenza appellata, li, f'dan il-każ, l-annullament tal-inklużjoni ta' Safa Nicu Sepahan seta' jservi biex jimmodera l-ammont tal-kumpens mogħti, iżda ma setax jikkostitwixxi kumpens sħiħ għad-dannu immaterjali mġarrab, din l-evalwazzjoni ġiet ibbażata fuq it-teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi tal-każ.

49 F'dan ir-rigward, qabel kollox għandu jiġi kkonstatat li, billi ddeċidiet, fuq il-bażi ta' evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi tal-każ, li kumpens pekunjarju kien neċessarju sabiex jiġi żgurat il-kumpens sħiħ għad-dannu immaterjali mġarrab minn Safa Nicu Sepahan, l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali ma hijiex ivvizzjata minn żball ta' liġi. Fil-fatt, għalkemm fis-sentenza tat-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-239/12 P, EU:C:2013:331), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-annullament ta' miżuri restrittivi illegali huwa ta' natura li jikkostitwixxi forma ta' kumpens għad-dannu immaterjali mġarrab, madankollu dan ma jfissirx li din il-forma ta' kumpens hija neċessarjament suffiċjenti, fil-każijiet kollha, sabiex ikun żgurat kumpens sħiħ għal dan id-dannu.

50 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita sew, meta l-Qorti Ġenerali kkonstatat l-eżistenza ta' dannu, hija biss għandha kompetenza sabiex tevalwa, fil-limiti tat-talba, il-metodu u l-portata tal-kumpens għad-dannu (sentenzi tal-1 ta' Ġunju 1994, Il-Kummissjoni vs Brazzelli Lualdi *et*, C-136/92 P, EU:C:1994:211, punti 66 u 81, u tad-9 ta' Settembru 1999, Lucaccioni vs Il-Kummissjoni, C-257/98 P, EU:C:1999:402, punt 34, kif ukoll id-digriet tal-14 ta' Diċembru 2006, Meister vs UASI, C-12/05 P, EU:C:2006:779, punt 82).

51 Madankollu, sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha fuq is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali, dawn iridu jkunu suffiċjentement immotivati u, fir-rigward tal-evalwazzjoni ta' dannu, iridu jindikaw il-kriterji li jkunu ttieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-ammont stabbilit (sentenzi tal-14 ta' Mejju 1998, Il-Kunsill vs de Nil u Impens, C-259/96 P, EU:C:1998:224, punti 32 u 33, u tad-9 ta' Settembru 1999, Lucaccioni vs Il-Kummissjoni, C-257/98 P, EU:C:1999:402, punt 35, kif ukoll id-digriet tat-3 ta' Settembru 2013, Idromacchine *et* vs Il-Kummissjoni, C-34/12 P, mhux ippubblikat, EU:C:2013:552, punt 80).

52 Fil-punti 88 sa 91 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tal-kumpens għad-dannu immaterjali f'dan il-każ, kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-gravità tal-ksur ikkonstatat, it-tul tiegħu, l-aġir tal-Kunsill, kif ukoll l-effetti tal-allegazzjoni tal-involviment ta' Safa Nicu Sepahan fil-proliferazzjoni nukleari Iranjana fir-rigward ta' terzi. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali qieset, essenzjalment, li l-allegazzjoni tal-Kunsill kontra Safa Nicu Sepahan kienet partikolarment gravi, li din l-allegazzjoni ma kinitx madankollu ssostanzjata minn ebda informazzjoni jew prova rilevanti u li l-Kunsill ma kienx ivverifika, fuq inizjattiva tiegħu stess jew b'risposta għall-protesti ta' Safa Nicu Sepahan, il-fondatezza tal-imsemmija allegazzjoni sabiex jiġu limitati l-konsegwenzi dannużi li jirriżultaw għal din l-impriża.

53 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Qorti Ġenerali indikat il-kriterji li ttieħdu inkunsiderazzjoni għad-determinazzjoni tal-ammont tal-kumpens stabbilit. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-konklużjoni tal-punt 92 tas-sentenza appellata, li d-dannu immaterjali mġarrab minn Safa Nicu Sepahan jammonta, skont evalwazzjoni ġusta *ex aequo et bono*, għas-somma ta' EUR 50 000, ma tistax tiġi kkontestata mill-Qorti tal-Ġustizzja.

54 Konsegwentement, it-tieni aggravju tal-appell inċidentali għandu jiġi miċħud bħala infondat.

55 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, l-appell inċidentali għandu jiġi miċħud.

Fuq l-appell ta' Safa Nicu Sepahan

56 Insostenn tat-talbiet tagħha, Safa Nicu Sepahan tqajjem żewġ aggravji, l-ewwel wieħed dwar il-kumpens għad-dannu materjali tagħha u t-tieni wieħed dwar il-kumpens għad-dannu immaterjali tagħha.

Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq ksur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, tal-Artikolu 41(3) tal-Karta, fuq kontradizzjoni ta' motivi, fuq żnaturament tal-punti ta' fatti u tal-provi kif ukoll fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni fl-evalwazzjoni tad-dannu materjali

57 L-ewwel aggravju tal-appell jinqasam f'ħames partijiet. It-tieni sal-ħames partijiet ta' dan l-aggravju għandhom jiġi eżaminati qabel l-ewwel parti tal-imsemmi aggravju.

Fuq it-tieni parti tal-ewwel aggravju

– L-argumenti tal-partijiet

58 Permezz tat-tieni parti tal-ewwel aggravju tal-appell, Safa Nicu Sepahan issostni, minn naħa, li, minkejja r-rikonoxximent mill-Qorti Ġenerali, fil-punti 99, 102, 104, 145 u 147 tas-sentenza appellata, ta' dannu materjali li rriżulta mill-adozzjoni tal-miżuri restrittivi inkwistjoni fil-kuntest tal-kuntratt relatat mar-riabilitazzjoni taċ-ċentrali elettrika ta' Derbendikhan (l-Iraq), din madankollu rrifjutat, b'mod arbitrarju u bi ksur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE u tal-Artikolu 41(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), li tikkundanna lill-Kunsill għall-kumpens għad-danni kkawżati. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-provi billi ddikjarat,

fil-punt 104 tas-sentenza appellata, li r-"realtà u l-ammont tad-dannu" ma ġewx ipprovati. Bl-istess mod, fil-punt 106 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-provi prodotti minn Safa Nicu Sepahan dwar il-marġni ta' qligħ tagħha u r-rata ta' profitabbiltà tagħha fil-kuntest ta' dan il-kuntratt.

59 Min-naħa l-oħra, Safa Nicu Sepahan issostni li, fil-punti 99 u 100 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rrifjutat, b'mod arbitrarju, li tagħtiha kumpens għad-dannu li ġarrbet mill-għeluq tal-kontijiet bankarji mill-Emirate National Bank of Dubai, filwaqt li qieset fil-punti 145 u 147 ta' din is-sentenza, li ġew stabbiliti r-realtà tat-tnaqqis sinjifikattiv tad-dħul mill-bejgħ u l-profitabbiltà ta' Safa Nicu Sepahan, it-tkeċċija ta' ħafna impjegati minn din il-kumpannija kif ukoll spejjeż oħra li ġġarrbu minnha. Barra minn hekk, il-motivi tas-sentenza appellata huma kontradittorji u vvizzjati minn żnaturament tal-provi, sa fejn, minn naħa, il-Qorti Ġenerali qieset, fil-punt 98 tal-imsemmija sentenza, li Safu Nicu Sepahan setgħet tikseb servizzi finanzjarji ekwivalenti għal dawk ipprovduti qabel mill-Emirate National Bank of Dubai, filwaqt li hija kkonstatat, fil-punt 96 ta' din is-sentenza, li kull bank li jikkollabora ma' Safa Nicu Sepahan ikun qiegħed jirriskja li jiġi affetwat minn miżuri restrittivi adottati mill-Unjoni.

60 Il-Kunsill jikkontesta dawn l-argumenti.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

61 Għandu jitfakkar, minn naħa, li kull dannu, li għalih jintalab kumpens fil-kuntest ta' rikors għad-danni mhux kuntrattwali tal-Unjoni taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, għandu jkun reali u ċert (ara s-sentenzi tal-21 ta' Mejju 1976, Roquette frères vs Il-Kummissjoni, 26/74, EU:C:1976:69, punti 22 u 23, kif ukoll tas-16 ta' Lulju 2009, SELEX Sistemi Integrati vs Il-Kummissjoni, C-481/07 P, mhux ippubblikata, EU:C:2009:461, punt 36). Min-naħa l-oħra, sabiex ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni tkun tista' tiġi stabbilita, id-dannu għandu jirriżulta b'mod suffiċjentement dirett mill-aġir illegali tal-istituzzjonijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-4 ta' Ottubru 1979, Dumortier *et* vs Il-Kunsill, 64/76, 113/76, 167/78, 239/78, 27/79, 28/79 u 45/79, EU:C:1979:223, punt 21, kif ukoll tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in the FII Group Litigation, C-446/04, EU:C:2006:774, punt 218).

62 Fi kwalunkwe każ, hija l-parti li tqajjem dubju dwar ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni li għandha tipproduċi provi konklużivi kemm tal-eżistenza kif ukoll tal-portata tad-dannu li hija tinvoka (sentenzi tas-16 ta' Settembru 1997, Blackspur DIY *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-362/95 P, EU:C:1997:401, punt 31, kif ukoll tas-16 ta' Lulju 2009, SELEX Sistemi Integrati vs Il-Kummissjoni, C-481/07 P, mhux ippubblikata, EU:C:2009:461, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll tal-eżistenza ta' rabta suffiċjentement diretta ta' kawża u effett bejn l-aġir tal-istituzzjoni inkwistjoni u d-dannu allegat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Jannar 1992, Finsider *et* vs Il-Kummissjoni, C-363/88 u C-364/88, EU:C:1992:44, punt 25, kif ukoll id-digriet tal-31 ta' Marzu 2011, Mauerhofer vs Il-Kummissjoni, C-433/10 P, mhux ippubblikat, EU:C:2011:204, punt 127).

63 Fir-rigward tal-kritika magħmula lill-Qorti Ġenerali li, b'mod arbitrarju, rrifjutat tagħti kumpens lil Safa Nicu Sepahan għad-dannu allegatament imġarrab minħabba x-xoljiment tal-kuntratt li jirrigwarda r-riabilitazzjoni taċ-ċentrali elettrika ta' Derbendikhan, għandu jiġi kkonstatat li dan l-ilment huwa bbażat fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata. Fil-fatt, sa fejn il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punti 99, 102 u 104 ta' din is-sentenza, li l-allegazzjonijiet li jirrigwardaw ir-realtà u l-ammont tad-dannu allegatament imġarrab ma humiex issostanzjati bi provi, huwa b'mod korrett li, fil-punt 107 tas-sentenza appellata, hija ċaħdet it-talba għal kumpens ta' Safa Nicu Sepahan, sa fejn din hija relatata ma' dan id-dannu. Bl-istess mod, peress li l-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punti 145 u 147 ta' din is-sentenza, li Safa Nicu Sepahan ma pproduċietx elementi li jippermettu l-evalwazzjoni tar-realtà u, jekk ikun il-każ, tal-portata tad-dannu mġarrab, din ma tistax tiġi kkritikata li aġixxiet b'mod arbitrarju.

64 Barra minn hekk, fir-rigward tal-argument ibbażat fuq il-ksur, allegatament imwettaq mill-Qorti Ġenerali waqt l-evalwazzjoni tad-dannu allegat, tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' "evalwazzjoni ġusta", li Safa Nicu Sepahan tikklassifika bħala prinċipji ġenerali komuni għad-drittijiet tal-Istati Membri, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE u tal-Artikolu 41(3) tal-Karta, għandu jiġi kkonstatat li tali prinċipji ma jistgħux ibiddlu, f'dan il-każ, il-konklużjoni li kienet Safa Nicu Sepahan li kellha tipproduċi provi konklużivi kemm tal-eżistenza kif ukoll tal-portata tad-dannu li hija tinvoka.

65 Fir-rigward tal-argument li l-Qorti Ġenerali żnaturat provi fil-punti 104 u 106 tas-sentenza appellata, għandu jitfakkar li s-sempliċi riferiment għal tali żnaturament ma jissodisfax ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u li jipprevedu li l-appell għandu, b'mod partikolari, jindika b'mod preċiż l-elementi li allegatament kienu żnaturati (sentenza tas-7 ta' Settembru 2016, Pilkington Group *et* vs Il-Kummissjoni, C-101/15 P, EU:C:2016:631, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

66 Madankollu, minn naħa, Safa Nicu Sepahan ma tippreċiżax kif il-Qorti Ġenerali żnaturat il-provi peress li, fil-punt 104 tas-sentenza appellata, iddikjarat li r-realtà u l-ammont tad-dannu ma ġewx ipprovati. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-kritika magħmula lill-Qorti Ġenerali li żnaturat provi peress li, fil-punt 106 tas-sentenza appellata, iddikjarat li Safa Nicu Sepahan ma ndikatx ir-rata ta' profitabbiltà normali fis-settur li fih hija topera, filwaqt li din tal-aħħar ipproduċiet din il-prova meta ppreċiżat li din hija ta' 20 % tal-valur tal-kuntratt inkwistjoni, għandu jiġi rrilevat li dan l-argument jirriżulta minn qari mhux preċiż tas-sentenza appellata sa fejn il-Qorti Ġenerali ma kkonstatatx fl-imsemmi punt li Safa Nicu Sepahan ma għamlitx riferiment għal tali rata ta' profitabbiltà, iżda li din la ma pproduċiet indikazzjonijiet suffiċjentement preċiżi f'dan ir-rigward, u lanqas ma pproduċiet provi oħra li jipprovaw ir-realtà u l-ammont tad-dannu allegatament imġarrab.

67 Fir-rigward tal-kritika magħmula lill-Qorti Ġenerali li ċaħdet, b'mod arbitrarju, it-talba għal kumpens għad-dannu li jirriżulta mill-għeluq tal-kontijiet bankarji ta' Safa Nicu Sepahan, għandu jiġi rrilevat li għalkemm, fil-punt 96 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali ddeduċiet minn ittra prodotta minn Safa Nicu Sepahan li l-għeluq tal-imsemmija kontijiet bankarji mill-Emirate National Bank of Dubai twettaq minħabba l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi inkwistjoni, madankollu hija qieset, fil-punti 97 sa 100 tagħha, li Safa Nicu Sepahan ma pprovatx li ġarrbet dannu li jirriżulta minn dan l-għeluq, billi rrilevat, b'mod partikolari, fil-punt 97, li l-Emirate National Bank of Dubai ma kienx iffriża l-fondi ddepożitati f'dawn il-kontijiet, iżda rrimborsahom lil Safa Nicu Sepahan. Bl-istess mod, fil-punti 145 u 147 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet l-assenza ta' rabta kawżali bejn id-dannu allegatament imġarrab u t-tnaqqis fid-dħul mill-bejgħ u l-profitabbiltà ta' Safa Nicu Sepahan peress li kkonstatat, minn naħa, li din tal-aħħar ma kinitx iġġustifikat il-kawżi ta' din l-evoluzzjoni u, min-naħa l-oħra, li, anki jekk tali rabta kawżali tista' tiġi dedotta mill-eżistenza stess tal-miżuri restrittivi kkonċernati, Safa Nicu Sepahan ma pproduċietx elementi li jippermettu l-evalwazzjoni tal-portata ta' tali dannu. Għalhekk, huwa mingħajr ma naqset mill-obbligu tagħha ta' motivazzjoni li l-Qorti Ġenerali ċaħdet l-imsemmija talba għal kumpens.

68 Fir-rigward tal-argument ibbażat fuq kontradizzjoni ta' motivi u ta' żnaturament tal-provi fil-punti 96 u 98 tas-sentenza appellata, għandu jiġi rrilevat li, fi kwalunkwe każ, dan l-argument ma huwiex ta' natura li jinvalida l-konstatazzjoni mwettqa mill-Qorti Ġenerali fil-punt 97 ta' din is-sentenza, li waħedha kienet biżżejjed sabiex tiġi miċħuda t-talba għal kumpens ta' Safa Nicu Sepahan għad-dannu allegatament imġarrab minnha mill-għeluq tal-kontijiet bankarji tagħha mill-Emirate National Bank of Dubai.

69 Konsegwentement, it-tieni parti tal-ewwel aggravju tal-appell għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tielet parti tal-ewwel aggravju

– L-argumenti tal-partijiet

70 Permezz tat-tielet parti tal-ewwel aggravju tal-appell, Safa Nicu Sepahan issostni, minn naħa, li l-Qorti Ġenerali kisret it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE u l-Artikolu 41(3) tal-Karta peress li rrifjutat li tagħtiha kumpens għad-dannu allegatament imġarrab minħabba l-waqfien tar-relazzjoni kummerċjali li kellha ma' Siemens AG, wieħed mill-fornituri importanti tagħha, filwaqt li rrikonoxxiet, fil-punti 109 u 110 tas-sentenza appellata, li dan il-waqfien kien konsegwenza diretta tal-adozzjoni tal-miżuri restrittivi inkwistjoni. F'dan l-istess punt 110, il-Qorti Ġenerali kkonstatat ukoll, b'mod kontradittorju, li rifjut li jiġu pprovduti prodotti ma huwiex, bħala tali, dannu. Barra minn hekk, fir-rigward tat-tnaqqis tad-dħul mill-bejgħ ta' Safa Nicu Sepahan minħabba l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi fir-rigward tagħha, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-provi u l-konstatazzjonijiet fattwali tagħha, li jinsabu fil-punti 145 u 147 tas-sentenza appellata, billi ċaħdet it-talba għal kumpens.

71 Min-naħa l-oħra, Safa Nicu Sepahan tikkritika lill-Qorti Ġenerali li żnaturat elementi ta' fatt u provi meta qieset, fil-punti 115 u 116 tas-sentenza appellata, li l-kawża determinanti tal-waqfien tar-relazzjonijiet kuntrattwali ta' Safa Nicu Sepahan ma' Mobarakeh Steel Company ma kinitx l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi fil-konfront ta' Safa Nicu Sepahan, iżda d-dewmien fl-implementazzjoni tal-kuntratt inkwistjoni. Madankollu, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 113 tas-sentenza appellata, li kienet teżisti rabta kawżali bejn il-waqfien ta' dawn ir-relazzjonijiet kuntrattwali u l-adozzjoni ta' dawn il-miżuri restrittivi. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali, billi qieset, fil-punti 133, 136 sa 139, 145 u 147 tas-sentenza appellata, li Safa Nicu Sepahan ma kinitx ipprovat li d-dannu allegat kien il-konsegwenza tal-waqfien mill-fornituri Ewropej tagħha tar-relazzjonijiet kummerċjali li dawn kellhom magħha, teżiġi prova li hija impossibbli li tiġi prodotta u tikkostitwixxi żnaturament tal-għan tal-miżuri restrittivi li huwa li jikkawżaw dannu ekonomiku u finanzjarju massimu għall-entità kkonċernata.

72 Il-Kunsill jikkontesta dawn l-argumenti.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

73 Fir-rigward tal-kritika magħmula lill-Qorti Ġenerali li ċaħdet, b'mod arbitrarju u bi ksur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE u tal-Artikolu 41(3) tal-Karta, it-talba għal kumpens għad-dannu ta' Safa Nicu Sepahan relatata mad-dannu allegatament imġarrab minħabba l-waqfien tar-relazzjoni kummerċjali tagħha ma' Siemens, għandu jiġi rrilevat li, għalkemm il-Qorti Ġenerali għamlet riferiment, fil-punti 109, 110, 145 u 147 tas-sentenza appellata, għall-effetti negattivi li miżuri restrittivi jistgħu jkollhom fuq ir-relazzjonijiet kummerċjali ta' kumpannija mal-fornituri tagħha kif ukoll fuq id-dħul mill-bejgħ tagħha, dan ma jfissirx li l-Qorti Ġenerali qieset għalhekk, fl-imsemmija punti, li l-waqfien ta' tali relazzjonijiet kien, bħala tali, jikkostitwixxi dannu reparabbli. Għall-kuntrarju, fil-punt 110 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, b'mod korrett u abbażi ta' motivi mhux kontradittorji, li dannu materjali ta' natura reali u ċerta jista' jkun kkawżat biss mill-konsegwenzi ta' waqfien ta' relazzjonijiet kummerċjali mal-fornituri ta' kumpannija fuq ir-riżultati ekonomiċi tagħha, u mhux mill-waqfien innifsu.

74 Fir-rigward tal-argument ta' Safa Nicu Sepahan li l-konstatazzjoni tal-assenza ta' dannu materjali mill-Qorti Ġenerali tikkostitwixxi żnaturament tal-elementi ta' fatt li jattestaw tnaqqis tar-riżultati finanzjarji ta' din l-impriża, li ssir riferiment għalih fil-punti 145 u 147 tas-sentenza appellata, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mill-punt 65 ta' din is-sentenza, is-sempliċi riferiment għal tali żnaturament ma jissodisfax ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-appell għandu, b'mod partikolari, jindika b'mod preċiż l-elementi li allegatament kienu żnaturati. Barra minn hekk,

tali żnaturament għandu jirriżulta b'mod manifest mill-atti tal-proċess, mingħajr ma jkun meħtieġ li ssir evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi (sentenza tas-6 ta' April 2006, General Motors vs Il-Kummissjoni, C-551/03 P, EU:C:2006:229, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

75 Madankollu, Safa Nicu Sepahan tirreferi, f'dan ir-rigward, għal tmien annessi tan-noti tagħha ppreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali, mingħajr ma tippreċiża bl-ebda mod f'xiex jikkonsisti l-allegat żnaturament. F'dawn iċ-ċirkustanzi, u peress li l-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi ma tikkostitwixxix, ħlief fil-każ ta' żnaturament ta' dawn il-provi, li ma ġiex stabbilit f'dan il-każ, kwistjoni ta' liġi suġġetta għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-proċedura ta' appell (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-3 ta' Settembru 2009, Moser Baer India vs Il-Kunsill, C-535/06 P, EU:C:2009:498, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata; tas-7 ta' April 2016, Akhras vs Il-Kunsill, C-193/15 P, EU:C:2016:219, punt 67 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-8 ta' Settembru 2016, Iranian Offshore Engineering & Construction vs Il-Kunsill, C-459/15 P, mhux ippubblikata, EU:C:2016:646, punt 44), dan l-argument għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

76 Fir-rigward tal-argument ibbażat fuq żnaturament tal-fatti mill-Qorti Ġenerali minħabba li kkonstatat, fil-punti 115 u 116 tas-sentenza appellata, li l-fattur prinċipali li wassal għax-xoljiment minn Mobarakeh Steel Company tal-kuntratt inkwistjoni kien id-dewmien fl-implementazzjoni ta' dan il-kuntratt, u mhux l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi fil-konfront ta' Safa Nicu Sepahan, għandu jitfakkar, kif jirriżulta essenzjalment mill-punt 74 ta' din is-sentenza, li żnaturament jeżisti meta, mingħajr ma jkun hemm bżonn ta' riferiment għal provi ġodda, l-evalwazzjoni tal-provi eżistenti tkun tidher manifestament żbaljata. Dan huwa partikolarment il-każ meta d-deduzzjonijiet li l-Qorti Ġenerali tkun siltet minn ċerti dokumenti ma jkunux konformi mas-sens u mal-portata tad-dokumenti msemmija meta dawn jinqraw fit-totalità tagħhom (sentenza tat-18 ta' Lulju 2007, Industrias Químicas del Vallés vs Il-Kummissjoni, C-326/05 P, EU:C:2007:443, punti 60 u 63).

77 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li mill-ittra tat-3 ta' Settembru 2011 ta' Mobarakeh Steel Company, annessa mar-replika ta' Safa Nicu Sepahan quddiem il-Qorti Ġenerali, jirriżulta li x-xoljiment tal-kuntratt inkwistjoni kien immotivat, għall-inqas parzjalment, mid-dewmien ta' Safa Nicu Sepahan fl-implementazzjoni ta' dan il-kuntratt fir-rigward tal-iskadenza li tirriżulta minn din l-ittra, skadenza li, kif korrettament irrilevat il-Qorti Ġenerali fil-punt 114 tas-sentenza appellata, kienet iktar minn sitt xhur qabel l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi kontra Safa Nicu Sepahan. F'dawn iċ-ċirkustanzi, meta l-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 116 tas-sentenza appellata, li l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi fil-konfront ta' Safa Nicu Sepahan ma kinitx il-kawża determinanti u diretti tax-xoljiment tal-imsemmi kuntratt, mingħajr ma qieset b'hekk li dan id-dewmien kien ikkostitwixxa, fih innifsu, tali kawża, l-evalwazzjoni mwettqa mill-Qorti Ġenerali ta' din il-prova ma tistax titqies bħala manifestament żbaljata.

78 Fir-rigward, barra minn hekk, tal-argument ta' Safa Nicu Sepahan li l-Qorti Ġenerali fil-punti 133, 136 sa 139, 145 u 147 tas-sentenza appellata, eżiġiet prova li hija impossibbli li tiġi prodotta sabiex jiġi pprovat id-dannu mġarrab mill-adozzjoni tal-miżuri restrittivi inkwistjoni, għandu jiġi kkonstatat li minn dawn il-punti jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ċaħdet, bħala insuffiċjenti, il-provi prodotti minn Safa Nicu Sepahan, b'mod partikolari minħabba li dawn ma ppermettewx li ssir distinzjoni bejn l-ordnijiet li effettivament saru għand il-fornituri Ewropej ta' Safa Nicu Sepahan, il-proporzjon tat-tagħmir mixtri minn Safa Nicu Sepahan mingħand dawn il-fornituri, il-kawżi tat-tnaqqis tad-dħul mill-bejgħ ta' din il-kumpannija u, b'mod iktar ġenerali, il-konsegwenzi dannużi konkreti li jirriżultaw.

79 Għandu jitfakkar, f'dan ir-rigward, li l-eżistenza ta' dannu reali u ċert ma tistax tiġi kkunsidrata b'mod astratt mill-qorti tal-Unjoni, iżda din għandha tiġi evalwata skont iċ-ċirkustanzi ta' fatt preċiżi li jikkaratterizzaw kull kawża mressqa quddiem din tal-aħħar (sentenza tal-15 ta' Ġunju 2000, Dorsch Consult vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-237/98 P, EU:C:2000:321, punt 25).

80 Madankollu, ir-rekwiżit tal-produzzjoni ta' provi, bħal dawk invokati mill-Qorti Ġenerali, fil-punti 133, 136 sa 139, 145 u 147 tas-sentenza appellata, huwa essenzjali sabiex tkun tista' tittieħed deċiżjoni fuq ir-realtà u l-portata ta' dannu allegat. Peress li kkonstatat li Safa Nicu Sepahan ma kinitx ipproduċiet tali provi, huwa b'mod korrett li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-provi prodotti minnha kienu insuffiċjenti għall-istabbiliment tar-realtà u tal-portata tad-dannu allegat.

81 It-tielet parti ta' dan l-aggravju għandu għalhekk jiġi miċħud.

Fuq ir-raba' parti tal-ewwel aggravju

– L-argumenti tal-partijiet

82 Permezz tar-raba' parti tal-ewwel aggravju tal-appell, Safa Nicu Sepahan issostni, minn naħa, li l-Qorti Ġenerali kisret it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE u l-Artikolu 41(3) tal-Karta, peress li rrifjutat li tagħtiha kumpens għad-dannu allegatament imġarrab minħabba l-waqfien tar-relazzjonijiet kummerċjali meħtieġa għaliha għall-modernizzazzjoni tat-tagħmir elettriku tad-diga ta' Euphrate fis-Sirja. Min-naħa l-oħra, din tikkritika lill-Qorti Ġenerali li kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha peress li astjeniet, fil-punt 120 tas-sentenza appellata, milli tindika l-motivi li abbażi tagħhom hija ċaħdet l-argument ta' Safa Nicu Sepahan li d-dewmien meħud fl-implementazzjoni tal-proġett ta' modernizzazzjoni tat-tagħmir elettriku ta' din id-diga kien jirriżulta mill-adozzjoni tal-miżuri restrittivi fil-konfront tagħha.

83 Il-Kunsill jikkontesta dawn l-argumenti.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

84 Fir-rigward tal-argument li l-Qorti Ġenerali kisret it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE u l-Artikolu 41(3) tal-Karta minħabba li din qieset, fil-punt 122 tas-sentenza appellata, li Safa Nicu Sepahan ma kinitx ipproduċiet provi li jistabbilixxu l-marġni ta' qligħ tagħha fil-kuntest tal-proġett ta' modernizzazzjoni tat-tagħmir elettriku tad-diga ta' Euphrate fis-Sirja, għandu jiġi kkonstatat li dan l-argument huwa intiż, essenzjalment, biex jikseb evalwazzjoni ġdida tal-provi prodotti fl-ewwel istanza. Sakemm, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 75 ta' din is-sentenza, l-evalwazzjoni tal-valur li għandu jingħata lil tali elementi ma tikkostitwixxix, ħlief fil-każ ta' żnaturament ta' dawn l-elementi, kwistjoni ta' liġi suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-proċedura ta' appell, l-imsemmi argument għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

85 Fir-rigward tal-kritika magħmula lill-Qorti Ġenerali li, fil-punt 120 tas-sentenza appellata, ma mmotivatx iċ-ċaħda tal-argument ta' Safa Nicu Sepahan li ittri relatati mal-imsemmi proġett kienu jistabbilixxu, b'mod plawżibbli, li l-kawża tad-dewmien fit-twettiq ta' dan il-proġett kienet l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi inkwistjoni, għandu jitfakkar li l-obbligu ta' motivazzjoni previst mill-Artikolu 296 TFUE jikkostitwixxi formalità sostanzjali li għandha tiġi distinta mill-kwistjoni tal-fondatezza tal-motivazzjoni, peress li din taqa' taħt il-legalità fil-mertu tal-att kontenzjuż. Fil-fatt, il-motivazzjoni ta' deċiżjoni tikkonsisti fl-espressjoni formali tal-motivi li fuqhom tkun ibbażata din id-deċiżjoni. Jekk dawn il-motivi jkunu vvizzjati bi żbalji, dawn jivvizzjaw il-legalità fil-mertu tad-deċiżjoni, iżda mhux il-motivazzjoni tagħha, li tista' tkun suffiċjenti minkejja li tesprimi motivi żbaljati. Minn dan isegwi li l-ilmenti u l-argumenti intiżi sabiex jikkontestaw il-fondatezza ta' att ma humiex rilevanti fil-kuntest ta' aggravju bbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni jew motivazzjoni insuffiċjenti (sentenza tat-18 ta' Ġunju 2015, Ipatau vs Il-Kunsill, C-535/14 P, EU:C:2015:407, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

86 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali esponiet, fil-punt 121 tas-sentenza appellata, li Safa Nicu Sepahan kienet ċertament ippreżentat lista tal-makkinarji u tal-komponenti għall-proġett inkwistjoni, iżda din ma pproduċiet l-ebda element li jistabbilixxi li l-kunsinna tal-imsemmija prodotti ma setgħetx titwettaq minħabba l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi inkwistjoni. Fil-punt 122 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li Safa Nicu Sepahan ma kinitx ipproduċiet elementi li jistabbilixxu d-dannu allegatament imġarrab minħabba l-fatt li parti mill-kuntratt inkwistjoni kellha tingħata b'subappalt. Billi identifikat, fil-punti 123 u 124 tal-imsemmija sentenza, elementi oħra li l-assenza tagħhom fl-atti tal-proċess tal-Qorti Ġenerali ostakola l-istabbiliment tar-realtà jew tal-portata tad-dannu allegat, il-Qorti Ġenerali ċaħdet, fil-punt 125 ta' din l-istess sentenza, it-talba għal kumpens għad-dannu ta' Safa Nicu Sepahan peress li din kienet tirrigwarda l-proġett ta' tagħmir elettriku tad-diga ta' Euphrate.

87 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ma naqsitx mill-obbligu ta' motivazzjoni tagħha taħt l-Artikolu 296 TFUE.

88 Għaldaqstant, ir-raba' parti għandha tiġi miċħuda.

Fuq il-ħames parti tal-ewwel aggravju

– *L-argumenti tal-partijiet*

89 Permezz tal-ħames parti tal-ewwel aggravju tal-appell, Safa Nicu Sepahan issostni, minn naħa, li l-Qorti Ġenerali kisret it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE u l-Artikolu 41(3) tal-Karta, peress li rrifjutat li tagħtiha kumpens għad-dannu allegatament imġarrab minħabba l-waqfien tar-relazzjonijiet kummerċjali tagħha meħtieġa għall-implementazzjoni tal-obbligi kuntrattwali tagħha relatati mal-proġetti ta' bini ta' substations elettriċi f'Kunduz (l-Afganistan) u f'Baghlan (l-Afganistan). Min-naħa l-oħra, Safa Nicu Sepahan tikkritika lill-Qorti Ġenerali li żnaturat elementi ta' fatt u provi peress li kkonstatat, fil-punt 130 tas-sentenza appellata, li din ma kinitx stabbilixxiet li, minħabba l-annullament minn Siemens tal-ordni bir-referenza P06000/CO/3060, kien impossibbli għaliha teżegwixxi l-obbligi kuntrattwali tagħha fil-kuntest tal-imsemmija proġetti, filwaqt li l-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punti 109 u 147 ta' dik is-sentenza, li Safa Nicu Sepahan ma setgħetx twettaq dawn il-proġetti mingħajr ma tirrikorri għal subappaltaturi.

90 Il-Kunsill jikkontesta dawn l-argumenti.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

91 Fir-rigward tal-argument ibbażat fuq ksur tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE u tal-Artikolu 41(3) tal-Karta, għandu jiġi kkonstatat li Safa Nicu Sepahan ma tindikax bil-preċiżjoni meħtieġa l-elementi kkontestati fis-sentenza appellata.

92 Fir-rigward tal-kritika magħmula lill-Qorti Ġenerali li żnaturat il-fatti bil-konstatazzjoni, fil-punt 130 tas-sentenza appellata, li Safa Nicu Sepahan setgħet teżegwixxi l-kuntratt tal-bini ta' substations elettriċi f'Kunduz u f'Baghlan mingħajr ma tirrikorri għal subappaltaturi, għandu jiġi kkonstatat li dan l-argument jirriżulta minn qari żbaljat tas-sentenza appellata. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali ma ssuġġerietx f'dan il-punt 130, li Safa Nicu Sepahan setgħet, fi kwalunkwe każ, twettaq dawn il-proġetti mingħajr ma tirrikorri għal subappaltaturi. Għall-kuntrarju, mill-imsemmi punt jirriżulta li l-Qorti Ġenerali kkonstatat li din tal-aħħar ma kinitx stabbilixxiet li l-imsemmi kuntratt ma setax jiġi implementat permezz ta' fornitur ieħor apparti Siemens. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jiġi lmentat li l-Qorti Ġenerali wettqet xi żnaturament.

93 Għaldaqstant, il-ħames parti tal-ewwel aggravju tal-appell għandha tiġi miċħuda.

Fuq l-ewwel parti tal-ewwel aggravju

– L-argumenti tal-partijiet

94 Permezz tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju tal-appell, Safa Nicu Sepahan tikkritika lill-Qorti Ġenerali li kisret prinċipji ġenerali komuni għad-drittijiet tal-Istati Membri, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE u tal-Artikolu 41(3) tal-Karta, li jiddefinixxu s-sistema ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, peress li, minkejja l-provi prodotti, din ċaħdet it-talba tagħha għal kumpens għad-dannu materjali tagħha għalkemm irrikonoxxiet, b'mod partikolari fil-punti 109, 145 u 147 tas-sentenza appellata, l-eżistenza ta' dannu materjali.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

95 Għandu jiġi kkonstatat li l-ewwel parti tal-ewwel aggravju huwa relatat mal-motivi tas-sentenza appellata, ikkritikati fil-partijiet l-oħra ta' dan l-aggravju li jirrigwarda d-diversi danni allegatament imġarrba minn Safa Nicu Sepahan, mingħajr ma pproduċiet elementi addizzjonali insostenn tal-imsemmi aggravju.

96 Sa fejn il-partijiet l-oħra tal-ewwel aggravju ma ntlaqgħux, l-ewwel parti tiegħu għandu wkoll jiġi miċħud.

Fuq it-talba sussidjarja ta' Safa Nicu Sepahan fir-rigward tal-ewwel aggravju

– L-argumenti tal-partijiet

97 Sussidjarjament, Safa Nicu Sepahan issostni li l-Qorti Ġenerali kellha tagħtiha kumpens li tiegħu hija kellha tiffissa l-ammont, b'osservanza tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' "evalwazzjoni ġusta", li huma prinċipji ġenerali komuni għad-drittijiet tal-Istati Membri, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE u tal-Artikolu 41(3) tal-Karta.

98 Il-Kunsill jikkontesta dawn l-argumenti.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

99 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, il-Qorti Ġenerali kkonstatat b'mod korrett li l-kundizzjonijiet għall-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni għad-dannu materjali allegat minn Safa Nicu Sepahan ma kinux ġew issodisfatti, b'tali mod li huwa wkoll b'mod korrett li hija ma tatx kumpens għal dan, kif mitlub minn din tal-aħħar.

100 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, l-ewwel aggravju tal-appell għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tieni aggravju, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u tal-prinċipju ta' proporzjonalità fil-kuntest tal-kumpens għad-dannu immaterjali

L-argumenti tal-partijiet

101 Permezz tat-tieni aggravju tal-appell tagħha, Safa Nicu Sepahan tikkritika lill-Qorti Ġenerali li tagħtha biss ammont insinjifikattiv ta' EUR 50 000 bħala kumpens għad-dannu mġarrab, għalkemm fil-punti 83, 86, 88 u 89 tas-sentenza appellata, hija kkonstatat li dan kien ksur partikolarment gravi li l-effetti tiegħu damu għal kważi tliet snin. Il-Qorti Ġenerali ma mmotivatx l-iffissar ta' dan l-ammont.

Barra minn hekk, il-motivi tas-sentenza appellata jiksru l-prinċipju ta' proporzjonalità. F'dan ir-rigward, Safa Nicu Sepahan tippreċiża b'mod partikolari li l-Qorti Ġenerali la ma ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li hija kellha tkeċċi ħafna impjegati, li ppreġudika r-reputazzjoni tagħha, u lanqas il-fatt li l-effetti tal-miżuri restrittivi qed ikomplu jikkawżawlha dannu. Pereżempju, Safa Nicu Sepahan għadha, fil-fatt, imsemmija fuq is-sit tal-internet "Iran Watch".

102 Il-Kunsill jikkontesta dawn l-argumenti.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

103 Fir-rigward tal-ksur allegat tal-prinċipju ta' proporzjonalità, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 50 u 51 ta' din is-sentenza, meta l-Qorti Ġenerali tkun ikkonstatat dannu, hija biss għandha kompetenza sabiex tevalwa, fil-limiti tat-talba, il-metodu u l-portata tal-kumpens tiegħu. Madankollu, skont din l-istess ġurisprudenza, sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha fuq is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali, dawn iridu jkunu suffiċjentement immotivati u, fir-rigward tal-evalwazzjoni ta' dannu, iridu jindikaw il-kriterji li jkunu ttieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-ammont stabbilit.

104 Fir-rigward tal-ksur allegat tal-obbligu ta' motivazzjoni, għandu jiġi rrilevat li, fil-punt 88 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali stabbilixxiet li, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, l-allegazzjoni tal-involviment ta' Safu Nicu Sepahan fil-proliferazzjoni nukleari Iranjana kienet affettwat l-aġir ta' entitajiet terzi, li jinsabu fil-parti l-kbira tagħhom barra mill-Unjoni, fil-konfront ta' din il-kumpannija. Hija kkonstatat, f'dan ir-rigward, l-eżistenza ta' dannu immaterjali li ma jistax jiġi kontrobilanċjat kompletament permezz tal-konstatazzjoni *a posteriori* tal-illegalità tal-dispożizzjonijiet kontenzjużi.

105 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali enfasizzat il-gravità partikolari tal-allegazzjoni tal-Kunsill kontra Safa Nicu Sepahan. Din osservat għalhekk, fil-punti 83 u 89 rispettivament tas-sentenza appellata, li l-allegazzjoni tal-involviment ta' Safa Nicu Sepahan fil-proliferazzjoni nukleari Iranjana kienet tirriżulta minn teħid ta' pożizzjoni uffiċjali ta' istituzzjoni tal-Unjoni, ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u li jġib miegħu konsegwenzi ġuridiċi vinkolanti, u mill-fatt li din assoċjat lil din il-kumpannija ma' attività li, skont il-Kunsill, hija ta' perikolu għall-paċi u għas-sigurtà internazzjonali.

106 Il-Qorti Ġenerali kkonstatat ukoll, fil-punt 87 tas-sentenza appellata, li l-annullament tad-dispożizzjonijiet kontenzjużi seta' jservi biex jimmodera l-ammont tal-kumpens mogħti, iżda ma setax jikkostitwixxi kumpens sħiħ għad-dannu mġarrab. Din ippreċiżat, f'dan ir-rigward, fil-punti 90 u 91 ta' dik is-sentenza, li l-allegazzjoni inkwistjoni ma ġietx issostanzjata bl-iċken prova, li l-miżuri restrittivi nżammu għal kważi tliet snin u li ma deherx li l-Kunsill ivverifika, matul dan il-perijodu, il-fondatezza tal-imsemmija allegazzjoni sabiex jillimita l-konsegwenzi dannużi li kienu jirriżultaw minnha għall-entità kkonċernata.

107 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li l-Qorti Ġenerali immotivat suffiċjentement id-deċiżjoni tagħha billi indikat il-kriterji użati sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tal-kumpens.

108 Fir-rigward, fl-aħħar nett, tal-argument ta' Safa Nicu Sepahan, li l-miżuri restrittivi inkwistjoni jkomplu jipproduċu effetti dannużi għaliha, peress li l-allegazzjoni li tinsab fihom għadha tidher fuq is-siti tal-internet, bħal "Iran Watch", għandu jiġi kkonstatat li Safa Nicu Sepahan ma ressqitx tali argument fl-ewwel istanza.

109 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, motiv invokat għall-ewwel darba fil-kuntest tal-appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli. Fil-kuntest ta' appell, il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija fil-fatt limitata għall-eżami tal-evalwazzjoni mwettqa mill-Qorti Ġenerali tal-motivi li jkunu ġew ittrattati quddiemha. Issa, li parti tiġi awtorizzata tinvoka f'dan il-kuntest motiv li ma kinitx invokat quddiem il-Qorti Ġenerali jfisser li din il-parti tkun qed

titħalla tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li l-kompetenza tagħha f'appell hija limitata, kawża iktar wiesgħa minn dik li kienet tressqet quddiem il-Qorti Ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustriet vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 165 u l-ġurisprudenza ċċitata).

110 Konsegwentement, dan l-argument għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

111 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tieni aggravju tal-appell għandu jiġi miċħud, parzjalment bħala infondat u parzjalment bħala inammissibbli.

112 Konsegwentement, l-appell għandu jiġi miċħud.

Fuq l-ispejjeż

113 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura, meta l-appell ikun infondat jew meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' l-kawża definittivament hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 138(1) tal-istess regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1), il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba. L-Artikolu 138(3) tal-imsemmija regoli jipprevi li, jekk il-partijiet jitilfu rispettivament fuq waħda jew iktar mit-talbiet tagħhom, kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

114 F'dan il-każ, peress li Safa Nicu Sepahan u l-Kunsill tilfu, għandhom jiġu kkundannati jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

115 L-Artikolu 140(1) tar-Regoli tal-Proċedura, li huwa applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tagħhom, jipprovdi li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet li intervjenew fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

116 Konsegwentement, ir-Renju Unit għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-appelli ppreżentati minn Safa Nicu Sepahan Co. u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu miċħuda.**

2) **Safa Nicu Sepahan Co. u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

3) **Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.**

Firem